MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 419/2012

**Appelli Numru: 419/2012, 420/2012,**
**421/2012, 422/2012, 423/2012, 424/2012**

**Il-Pulizija**
**Spettur Anzjan Anthony Cassar**

**Vs**

**Odette Micallef**
**Kevin Chetcuti**
**Melvin Chetcuti**
***Omissis***
**Lawrence Azzopardi**
***Omissis***
***Omissis***
**Charles Clint Calleja**
**Clint Callus Haidon**
***Omissis***
***Omissis***
***Omissis***

***Omissis***
***Omissis***

Illum, 3 t'Ottubru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-akkuża dedotta kontra l-appellanti Odette Micallef, detentrici tal-karta tal-Identita bin-numru 132788M, Kevin Chetcuti, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 297489M, Melvin Chetcuti, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 144886M, Lawrence Azzopardi, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 222586M, Charles Clint Calleja, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 108289M u Clint Callus Haydon, detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 301788M,talli:

Talli f'diversi nhawi f'Wied il-Ghajn, Haz Zabbar u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, bejn x-xhur ta' Mejju u Novembru 2004, kif wkoll bejn x-xhur ta'Mejju u Ottubru 2003, f'diversi hinijiet tal-gurnata kif wkoll b'diversi atti maghmulin minnhom, wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bi vjolenza u b'ghemil zieni kkorrompew lil Sarah Farrugia, lil Alison Bonavia, lil Kimberly Grech, lil Leanne Bugeja, lil Louise Mifsud, lil Stephanie Spagnol, lil Desiree Rosso u lil Vicky De Battista lkoll minn Marsascala, lil Josianne Portelli, lil Hannah Schembri, lil Donna O'Hayon, lil Lara Burnell, lil Amy Borda u lil Yana Borda lkoll minn Haz Zabbar, lil Tiffany Scerri mill-Fgura, kif wkoll lil Graziana Gerada minn Bormla, liema delitti saru bi hsara ta' persuni li m'ghalqux l-eta ta' tmintax il-sena u ta' persuna ohra li ghadha m'ghalqitx it-tnax il-sena u liema delitti saru kemm b'theddid u anke b'qerq;
2. Talli kkommettew attentat vjolenti ghal pudur ta' dawn l-imsemmija minorenni;
3. Talli offendew il-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku jew f'post espost ghal pubbliku;

4. Talli bla ordni skond il-ligi ta’awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li bihom il-ligi taghti setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil imsemmija minorenni, liema persuni ghadhom kollha taht l-eta ta’ tmintax il-sena, kontra l-volunta' taghhom, u liema delitti saru bhala mezz biex persuni jigu mgieghla jaghmlu xi haga jew joqghodu ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghhom;
5. Talli bil-hsieb li jestorcu flus jew xi haga ohra jew li jaghmlu qligh jew jaghmlu jew jonqsu milli jaghmlu xi haga, heddew li jaghmlu denunzja jew taw malafama lil Graziana Gerada minn Bormla, b’liema theddid huma waslu fil-hsieb taghhom, billi nghataw il-flus mitluba minnhom, liema somma flus ma tiskorrix l-elf lira maltin illum ekwivalenti ghal elfejn tlett mija disgha u ghoxrin Euro u sebgha u telttin centezmi;
6. Talli fil-portijiet, fi xtut l-bahar jew f’lok iehor pubbliku, nezghu gharwenin jew ma kienux liebsa xieraq;
7. Talli f’lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku, kienu fis-sakra b’mod li ma kienux jistghu jiehdu hsieb taghhom infushom;
8. Talli heddew lil imsemmija minorenni bi kliem.

**Odette Micallef biss:**
9. Talli uzat xi sistema jew apparat tat-telekommunikazzjoni provduti minn proveditur awtorizzat ghal xi ghan li ma kienx dak li ghalih ikun gie provdut, jew naqset milli tosserva dawk l-istruzzjonijiet li nhargu minn proveditur awtorizzat ghal uzu sew tas-sistema tat-telekommunikazzjonijiet jew taghmir, jew ghamlet uzu minnu mhux sewwa;
10. Talli heddedt lil Leanne Bugeja u lil Sarah Farrugia permezz tat-telefon, fosthom li anke ttajjarhom b’karozza;
11. Talli zammet ghandha diversi videos u/jew DVD’s pornografici jew oxxeni jew oggetti ohra, ikunu li jkunu, pornografici jew oxxeni;
12. Talli wriet dawn l-istess videos lil imsemmija minorenni f’post pubbliku jew f’post accessibbli ghal pubbliku;
13. Talli qassmet jew uriet ritratti, *films, video recordings* jew xbiehat elettronici ndicenti jew kellha fil-pussess

taghha, ritratti, *films, video recordings* jew xbiehat elettronici ndicenti;

**Kevin Chetcuti, Clint Callus Haidon u Lawrence Azzopardi biss:**
14. Talli flimkien ma tlett persuni ohra mhux maghrufa, bi vjolenza, ikkommettew stupru fuq il-persuna ta’ Louise Mifsud minn Marsaskala, liema delitt sar bi hsara ta’ persuna taht l-eta ta’ tmintax il-sena, kif wkoll ta’ persuna li ma kienetx tista tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom;

**Charles Clint Calleja, Kevin Chetcuti u Odette Micallef biss:**
15. Talli kkommettew attentat vjolenti ghal pudur ta’ Louise Mifsud, liema delitt sar bi hsara ta’ persuna taht l-eta ta’ tmintax il-sena, u ta’persuna li ma kienetx tista tirrezisti minhabba marda tal-gisem jew tal-mohh jew ghal raguni ohra ndipendenti mill-ghemil tal-hati, inkella minhabba l-mezzi qarrieqa li huma nqdew bihom;

**Clint Callus Haidon u Omissis biss:**
16. Talli bi vjolenza kkommettew stupru fuq il-persuni ta’ Donna O’Hayon minn Haz Zabbar u ta’ Graziana Gerada minn Bormla, liema delitti saru bi hsara ta’ persuni taht l-eta ta’ tmintax il-sena;

**Omissis u Kevin Chetcuti biss:**
17. Talli bi vjolenza, kkommettew stupru fuq il-persuna ta’ Alison Bonavia minn Marsascala, liema delitt sar bi hsara ta’ persuni taht l-eta ta’ tmintax il-sena;

**Charles Clint Calleja biss:**
18. Talli kkommetta serq minn diversi karozzi ghad-dannu ta’ diversi sidien mhux maghrufa;
19. Talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta pprova jikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Graziana Gerada billi ttanta jdahhal sigarett mixghul f’ghajnejha,

liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;
20. Talli hedded lil istess Graziana Gerada bi kliem 'nitfi s-sigarett f'ghajnejk';
21. Talli kkommetta serq ta' telefon cellulari u ta' flus kontanti ghad-dannu ta' persuna ta' nazzjonalita Ingliza, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil-valur ta' aktar minn mitt lira maltin;

**Omissis biss:**
22. Talli kkommetta stupru fuq il-persuna ta' Tiffany Scerri, liema delitt sar bi hsara ta' persuni taht l-eta ta' tmintax il-sena;
23. Talli kkommetta serq ta' telefon cellulari tad-ditta Nokia ghad-dannu ta' Louise Mifsud minn Wied il-Ghajn, li l-ammont tieghu huwa ta' inqas minn mitt lira maltin;
24. Talli saq vettura tal-ghamla Seat Ibiza minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
25. Talli saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta dwar r-riskji ta' terzi persuni;

**Lawrence Azzopardi biss:**
26. Talli kkommetta stupru fuq il-persuna ta' Tiffany Scerri, liema delitt sar bi hsara ta' persuni taht l-eta ta' tmintax il-sena;
27. Talli kkommetta serq ta' diversi siggijiet w imwejjed u oggetti ohra mill-Country Style Bar & Restaurant sitwat f'Marsascala, ghad-dannu tas-sid tieghu, liema delitt huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin;
28. Talli kkommetta serq ta' telefon cellulari u flus kontanti ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa, liema delitt huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin;
29. Talli xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
30. Talli saq vettura minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;
31. Talli saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' sigurta dwar r-riskji ta' terzi persuni;

**Clint Callus Haidon, Omissis u Omissis biss:**

32. Talli kkommettew stupru fuq il-persuna ta’ Graziana Gerada, liema delitt sar bi hsara ta’ persuni taht l-eta ta’ tmintax il-sena;

33. Talli kkommettew serq ta’ telefon cellulari kif wkoll flus kontanti ghad-dannu ta’ persuna mhux maghrufa ta’ nazzjonalita barranija, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin;

**Omissis biss:**

34. Talli bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghal esekuzzjoni tad-delitt meta pprova jikkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Desiree Rosso billi waddab tazza tal-hgieg fid-direzzjoni taghha, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu;

35. Talli kkommetta diversi attentati ghal pudur ta’ Emanuela Micallef minn Marsascala;

36. Talli kkommetta serq ta’ telefon cellulari ghad-dannu ta’ Louise Mifsud minn Marsascala, kif wkoll telefon cellulari iehor u flus kontanti ghad-dannu ta’ persuna barranija mhux maghrufa, liema delitt huwa kkwalifikat bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitt lira maltin;

37. Talli saq vettura minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija;

38. Talli saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b’polza ta’ sigurta dwar r-riskji ta’ terzi persuni;

**Omissis biss:**

39. Talli kkommetta stupru fuq il-persuna ta’ Donna O’Hayon, liema delitt sar bi hsara ta’ persuni taht l-eta ta’ tmintax il-sena;

**Omissis, Omissis, Lawrence Azzopardi u Omissis biss:**

40. Talli ffalsifikaw xi biljetti jew mexxew biljetti tal-flus falsifikati, u cioe karti tal-ghaxar liri, li kienu jafu li huma foloz;

41. Talli minghajr awtorita legali jew minghajr skuza legittima jew ragonveoli xtraw jew ircievew minghand xi persuna jew kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom, biljetti ta’ flus falsifikati li kienu jafu li l-istess kienu foloz u

cioe karti tal-ghaxar liri maltin, li kienu jafu li l-istess huma falsifikati;

42. Talli ghamlu uzu jew xjentement kellhom fil-kustodja jew l-pussess taghhom, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala dik provduta w uzata ghal ghemil ta’ xi biljett ta’ flus jew ta’ xi karta specjali tali;

43. Talli xjentement kellhom fil-kustodja jew pussess taghhom xi karta li fuqha xi kliem, figuri, ittri, marki, linji, disinji, ologrammi jew komponenti ohra jkunu gw stampati jew b’xi mod iehor maghmula;

44. Talli xjentement ghamlu uzu minn xi dokumenti falsifikati u cioe karti tal-ghaxar liri maltin foloz;

45. Talli xjentement ghamlu uzu minn flus foloz;

**Kevin Chetcuti biss:**

46. Talli bi vjolenza ikkommetta stupru fuq il-persuna ta’ Desiree Rosso minn Marsascala, liema delitt sar bi hsar ta’ persuna ta’ taht t-tmintax il-sena.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, jekk jidhrilha xieraq, f’kaz ta’ htija, tissospendi lil Lawrence Azzopardi, lil **Omissis** u lil **Omissis** mill-licenzji tas-sewqan kollha taghhom, ghal zmien ta’ mhux inqas minn tnax il-xahar, minn mindu hekk jinstabu hatja.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex jekk jidhrilha xieraq, tipprovdi ghas-sigurta tal-imsemmija persuni u tal-familjari taghhom, jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok l-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil istess Odette Micallef, Kevin Chetcuti, Melvin Chetcuti, **Omissis**, Lawrence Azzopardi, **Omissis**, **Omissis**, Charles Clint Calleja, Clint Callus Haidon, **Omissis**, **Omissis**, **Omissis**, **Omissis**, **Omissis** u **Omissis** b’obligazzjoni taghhom nfushom taht penali ta’ somma flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali tas-17 ta’ Settembru, 2012, fejn il-Qorti:

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputata

**Odette Micallef hatja** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal korruzzjoni ta' Alison Bonavia, Sarah Farrugia, Stephanie Spagnol u Tiffany Scerri; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal attentat ghal pudur ta' Alison Bonavia, Sarah Farrugia, Stephanie Spagnol u Tiffany Scerri; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni, is-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal Sarah Farrugia, Desiree Rosso, Stephanie Spagnol u Graziana Gerada; ta' l-ghaxar imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Sarah Farrugia; u tal-hmistax il-imputazzjoni, u taghhom tikkundannaha **tmintax il-xahar prigunerija** . Il-Qorti fil-waqt li qed **tastjeni** milli tiehu konjizzzjoni ulterjuri tad-disgha imputazzjoni, qed issib lill-imputata **Odette Micallef mhux hatja** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra taghha u tilliberaha minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 198, 203, 207, 209, 249, 250, 338(q) 338(ff) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Kevin Chetcuti hati** ta' l-ewwel imputazzjoni, tat-tieni imputazzjoni, tat-tielet imputazzjoni, tal-hames imputazzjoni, tas-sitt imputazzjoni, tas-sebgha imputazzjoni, tat-tmien imputazzjoni, tal-hmistax il-imputazzjoni, u tas-sitta u erbghin imputazzjoni u taghhom tikkundannah **sentejn prigunerija**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **Kevin Chetcuti mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Melvin Chetcuti hati** ta' l-ewwel imputazzjoni; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Alison Bonavia u Louise Mifsud; u tat-tielet imputazzjoni u taghhom tikkundannah **disgha xhur prigunerija**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **Melvin Chetcuti mhux hati** ta'l-imputazzjzonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom,

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat **Omissis hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal

Donna O'Hayon; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Alison Bonavia; tat-tielet imputazzjoni u tas-sitt imputazzjoni u taghhom tikkundannah **sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **Omissis mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 198, 203, 207, 209, 249, 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Lawrence Azzopardi hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Hannah Schembri, Tiffany Scerri u Louise Mifsud; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Hannah Schembri, Tiffany Scerri, Louise Mifsud, Alison Bonavia u Victoria Debattista; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada; ta'l-erbatax imputazzjoni; tas-sitta u ghoxrin imputazzjoni; tas-sebgha u ghoxrin imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici; tat-tletin imputazzjoni; u tal-wiehed u tletin imputazzjoni u taghhom tikkundannah **sentejn prigunerija u tissospendih minn kull licenzja tas-sewqan ghal perjodu ta' sena**. Il-Qorti fil-waqt li **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-erbghin, il-wiehed u erbghin, it-tnejn u erbghin, it-tlieta u erbghin, l-erbgha u erbghin, u l-hamsa u erbghin imputazzjoni, qed issib lill-imputat **Lawrence Azzopadi mhux hati** tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Omissis hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirrreferi ghal Kimberly Grech, Louise Mifsud, Donna O'Hayon, Amy Borda u Yana Borda; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirrreferi ghal Kimberly Grech, Louise Mifsud, Donna O'Hayon, Amy Borda, Yana Borda u Victoria Debattista;

tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada, u taghhom tikkundannah **sena prigunerija**. Il-Qorti fil-waqt il tiddikjara il-**procediment ezawriet** fir-rigward tal-hamsa u tletin imputazzjoni u fil-waqt li **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erbghin, it-tnejn u erbghin, u t-tlieta u erbghin imputazzjoni qed issib lill-imputat **Omissis mhux hati** ta'l-imputazzjojnijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Omissis hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Amy Borda, Yana Borda u Donna O'Hayon; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Amy Borda, Yana Borda, Donna O'Hayon u Victoria Debattista; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada; u tat-tlieta u tletin imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici u taghhom tikkundannah **sena prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed tigi sospieza ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti fil-waqt li **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erbghin, it-tnejn u erbghin, u t-tlieta u erbghin imputazzjoni qed issib lill-imputat **Omissis mhux hati** ta'l-imputazzjojnijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Charles Clint Calleja hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Josianne Portelli, Hannah Schembri u Tiffany Scerri; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Josianne Portelli, Hannah Schembri, Tiffany Scerri u Victoria Debattista; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada; tal-hmistax imputazzjoni;

tat-tmintax imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta’ serq semplici; u l-ghoxrin imputazzjoni u taghhom tikkundannah **tmintax il-xahar prigunerija**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **Charles Calleja mhux hati** ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 198, 203, 207, 209, 249, 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat **Clint Callus Haidon hati** ta’ l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Alison Bonavia, Kimberly Grech, Louise Mifsud, Josianne Portelli, Hannah Schembri, Donna O’Hayon, Amy Borda, Yana Borda, Tiffany Scerri u Graziana Gerada; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Alison Bonavia, Kimberly Grech, Louise Mifsud, Josianne Portelli, Hannah Schembri, Donna O’Hayon, Amy Borda, Yana Borda, u Tiffany Scerriu; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada; ta’l-erbatax imputazzjoni; u tat-tlieta u tletin imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta’ serq semplici, u taghhom tikkundannah **tmintax il-xahar prigunerija**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **Clint Callus Haidon mhux hati** ta’l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 207, 209, 249, u 250 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat **Omissis hati** tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Alison Bonavia u Sarah Farrugia; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; u tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada taghhom tikkundannah **sitt xhur prigunerija li b’applikazzjoni ta’l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta’ sentejn**. Il-Qorti fil-waqt li **tastjeni** milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-wiehed u erbghin, it-tnejn u erbghin u t-tlieta u erbghin imputazzjoni qed issib lill-imputat **Omissis mhux hati** ta’l-imputazzjojnijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Omissis hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Tiffany Scerri; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Alison Bonavia u Victoria Debattista; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada; u taghhom tikkundannah **disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **Omissis mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberaha minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249 u 250, 284 u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Omissis hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Alison Bonavia, Leanne Bugeja, Josianne Portelli, Hannah Schembri u Yana Borda; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Alison Bonavia, Leanne Bugeja, Josianne Portelli, Hannah Schembri u Yana Borda; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni, tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada; u tat-tlieta u tletin imputazzjoni in kwantu tirreferi ghar-reat minuri ta' serq semplici u taghom tikkundannah **disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputatat **Omissis mhux hati** ta'l-iputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra trieghu u tilliberah minnhom.

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, u 209 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat **Omissis hati** ta' l-ewwel imputazzjoni; tat-tieni imputazzjoni; u tat-tielet imputazzjoni u taghhom tikkundannah **sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **Omissis mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom

Wara li rat l-artikoli 18, 37, 203, 207, 209, 249, 250, u 338(q) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, lill-imputat **Omissis hati** ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Kimberly Grech, Leanne Bugeja u Graziana Gerada; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Kimberly Grech, Leanne Bugjea, u Victoria Debattista; tat-tielet imputazzjoni, tal-hames imputazzjoni; tas-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Graziana Gerada u taghhom tikkundannah **disgha xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' sentejn**. Il-Qorti qed issib lill-imputat **Omissis mhux hati** ta'l-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom

Il-Qorti, biex tipprotegi lill-vittmi u peress li l-imputati kollha, hlif ghal Omissis, kienu minorenni meta twettqu r-reati in ezami, tordna id-diviet tal-publikazzjoni ta' isem il-partijiet kollha f'din il-kawza (inkluz ta' Omissis) kif ukoll id-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni li tista' twassal ghall-identita tal-vittmi u dan f'kwalunkwe forma ta' mezz ta' komunikazzjoni u/jew stampa.

Rat ir-rikors ta' appell ta' Odette Micallef pprezentat fit-28 ta' Settembru, 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka dik il-parti fejn hija giet misjuba hatja ta' ta' l-ewwel imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal korruzzjoni ta' Alison Bonavia, Sarah Farrugia, Stephanie Spagnol u Tiffany Scerri; tat-tieni imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal attentat ghal pudur ta' Alison Bonavia, Sarah Farrugia, Stephanie Spagnol u Tiffany Scerri; tat-tielet imputazzjoni; tal-hames imputazzjoni, is-sitt imputazzjoni; tat-tmien imputazjoni in kwantu tirreferi ghal Sarah Farrugia, Desiree Rosso, Stephanie Spagnol u Graziana Gerada; ta' l-ghaxar imputazzjoni in kwantu tirreferi ghal Sarah Farrugia; u tal-hmistax il-imputazzjoni, u fejn giet ikkundannata ghall-tmintax il-xahar prigunerija, tikkonfermaha f' dik il-parti fejn astjeniet milli tiehu konjizzzjoni ulterjuri tad-disgha imputazzjoni, u fejn sabet lill-imputata Odette Micallef mhux hatja tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba kontra

taghha u illiberata minnhom, u konsegwentement tilliberaha minn kull htija u piena.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Kevin Chetcuti pprezentat fit-28 ta’ Settembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabitu hati ta’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet, il-hames, is-sitt, is-seba’, t-tmien, il-hmistax u s-sitta u erbghin imputazzjoni, u minnhom tilliberah, tikkonferma fejn illiberatu mill-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas ta’ dan tipprovdi ghal piena aktar mita u idonea fic-cirkostanzi

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Melvin Chetcuti pprezentat fit-28 ta’ Settembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata filwaqt li thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabithu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u minnhom tilliberah, tikkonfermaha fejn illiberatu mill-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas ta’ dan tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Lawrence Azzopardi pprezentat fit-28 ta’ Settembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokahaha f’dik il-parti fejn nstab hati ta’ l-imputazzjonijiet bin-numru (1), (2), (5), (6), (8), (14) u (26) u f’dik il-parti fejn gie kkundannat ghal sentejn prigunerija u tikkonfermaha fil-bqija u ghalhekk tvarjaha in kwantu tikkoncerna kemm il-htija kif ukoll il-piena.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Charles Clint Calleja pprezentat fit-28 ta’ Settembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha fejn il-Qorti sabet l-imputat mhux hati u thassarha u tirrevokaha fejn il-Qorti sabithu hati tal-imputazzjonijiet kif indikat fis-sentenza u minnhom tilliberah skond il-ligi. Alternattivament u minghajr pregudizzju, f’kaz li dan l-appell ma jintlaqax, din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tirriforma fil-parti tal-piena billi timponi piena aktar ekwa ghal-kaz odjern.

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Clint Callus Haidon pprezentat fit-28 ta’ Settembru, 2012 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma

s-sentenza appellata billi thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza fejn sabithu hati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet, il-hames, is-sitt, it-tmien, l-erbatax u t-tlieta u tletin imputazzjoni u minnhom tilliberah, tikkonfermaha fejn illiberatu mill-akkuzi l-ohra dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas ta’ dan tipprovdi ghal piena aktar mita u idoneja fic-cirkostanzi.

Fliet l-atti kollha proċesswali.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellanti Odette Micallef u cioe':-

Bl-istess mod kif l-esponenti illimitat ruhha dwar il-esposizzjoni tal-fatti, l-istess ser taghmel dwar l-aggravji taghha u tirriserva li tamplifika b’ mod elaborat fil-kors tat-trattazzjoni orali ta’ dan l-appell.

Bizejjed pero jinghad f’ dan l-istadju illi l-ezercizzju tal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti sfortunatament, minhabba l-mod kif gie pprezenatat il-kaz in generali mill-prosekuzzjoni, kien ezercizzju li ta rizultat li ma’ jaghmilx tajjeb ghal kaz bhal m’ huwa dak prezenti fejn l-apprezzament tal-provi kien jinnecessita studju approfondit u individwali ta’ kull imputazzjoni fil-konfront ta’ kull wiehed mill-imputati. Ovvjament f’ dan il-kaz dan qatt ma’ setgha jsir u bhala konsegwenza l-ewwel Qorti spiccat f’ sitwazzjoni fejn xi kultant ‘iggeneralizzat’ fil-konsiderazzjonijiet taghha u fil-konsegwenti konkluzjonijiet. Dan kollu qed jinghad mill-esponenti ben konxja tal-isforz kwazi inuman li kellha taghmel l-ewwel Qorti biex taghti l-gudizzju taghha, gudizzju li ghalkemm sensat u ragonat, xorta bl-akbar rispett jippeka f’ certu aspetti, partikolarment fejn jinvovli l- esponenti ghar-ragunijiet suesposti. Tabilhaqq l-esponenti tishaq illi li kieku l-kaz taghha inghata attenzjoni ‘individwali’ [haga li l-ewwel Qorti qatt ma’ setghat taghmel ghax hekk giet indotta mill-prosekuzzjoni] allura l-ezitu tal-apprezzament tal-provi kien ikun ben altru.

L-esponenti tinsab certa illi kien minn kellu jiggudika fuq il-fatti tal-kaz odjern setgha jaghmel dan billi jiffoka fuq l-allegazzjonijiet imressqa fil-konfront tal-esponenti individwalment, kien certament facilment jinduna li kienu jezistu certu dettaiji illi facilment kienu jikkrejaw distinzjoni ferm aktar accentwata minn dik li tirrizulta mis-sentenza appellata, distinzjonijiet dawn li harbu jew sfuggew lill-ewwel Qorti, u dan jerga jigi ribadit, biss in kosnegwenza tal-mod stramb, konfuzjonali u ingarbuijat li bih il-kaz gie pprezenat. Dawn id-distinzjonijiet u r-ragunijiet l-ohra li l-esponenti qed issostni li kienu jiggustifikaw gudizzju iehor ser jigu mressqa mill-esponenti fil-kors tat-trattazzjoni orali ta’ dan l-appell.

Illi f’ kull kaz, u minghajr pregudizzju, fil-kors tal-kawza odjerna gew lezi d-drittijiet fundamentali tal-esponenti billi hija, MINGHAJR MA’ KKONTRIBWIET GHAL DAN, ma’ inghatatx smiegh xieraq fi zmien ragonevoli b’ tali mod illi issa hija qed tigi rinfacjata b’ sitwazzjoni fejn hija trid tissalda kont mal-gustizzja ghall-atti li kkomettiet meta kient tifla li kellha biss sittax-il sena issa li hija mara ta’ erbgha u ghoxrin sena li hadmet u stinkat biex iffurmat il-gejjieni taghha biss biex issa jigi mormi mill-istess sistema ta’ gustizzja li ma’ kienx kapaci u adegwat biex jiggarantixxi d-drittijiet minimi u fundamentali taghha. Bhala konsegwenza l-esponent tilmenta illi hija qed tigi mitluba tissalda kont mal-gustizzja meta l-istess gustizzja ghandha kont x’ tissalda maghha!! Huwa ghalhekk illi l-intervent ta’ din l-Onorabbli Qorti issa qed jigi rikjest sabiexjigi ripristinat dak l-ordni bejn is-socjeta, l-istat u l-individwi li ghandu dejjem jirrenja kull huma mhaddna l-principji tad-demokrazzija.

F’ dan il-kuntest l-esponenti ser ghalissa tillimita s-sottomissjonijiet taghha f’ dan ir-rigward billi taghmel referenza ghall-gudikat tal-Qorti Kostituzzjonali [kif ukoll dak tal-Prim Awla moghti fl-prim istanza] fi ismijiet ‘JOHN BUGEJA VS L-AVUKAT GENERALI’. Huwa f’ dan il kuntest ukoll illi l-epsonenti, ghalkemm ben konxja illi r-rimedju neccessarju jista jigi erogat minn din l-Onrabbli Qorti, qed tirriserva sabiex fi-istadju opportun hija tressaq talba ghall-riferenza kostituzzjonali skond il-ligi.

Illi finalment ghall-diversi, jekk mhux wisq ragunijiet, u dejjem assolutament minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-piena erogata mill-ewwel Qorti kienet wiehed manifestament eccessiva u gravuza fil-kaz odjern u dan ghall-ragunijiet li ser jirrizuhaw ben tajjeb lil din l-Onorabbli Qorti fil-kors tat-trattazzjoni orali ta’ dan l-appell u dan prevja s-smiegh ta’ xhieda neccessarji ghall-gudizzju gust u ekwu ta’ dan il-gravam.

Rat l-aggravji tal-appellanti Kevin Chetcuti u cioe':-

Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u l-fatti peress li qatt ma seta’ jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi l-ewwel Qorti bl-ebda mod ma kienet vjetata mill-jedd li tissindika fuq il-htija u o meno ta’ l-imputat anke jekk dan ikun irregistra ammissjoni.

Illi l-esponent jirreferi ghall-artiklu 392A(3) tal-Kodici Kriminali, liema artiklu jghid is-segwenti:-

*Izda, meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat kien gie tassew maghmul, jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, il-Qorti ghandha, ghalkemm l-akkuzat ikun stqarr, tordna li l-kumpilazzjoni titmexxa ‘l quddiem bhallikieku l-akkuzat ma wegibx li hu hati.*

Illi din il-kwistjoni pero’ mhix l-ewwel darba li giet dibattuta quddiem dawn il-Qrati. Issir referenza ghall-kawza ‘*Il-Pulizija -vs- George Cassar Desain*’:-

*“la darba l-imputat jammetti l-imputazzjonil-Qorti ma tistax hlief tghaddi ghall-kundanna tieghu anmmenoche ma jirrizultax li hu ma fehemx in-natura ta’ l-imputazzjoni jew li ma kienetx intenzjoni tieghu li jammetti li hu hati ta’ l-imputazzjoni jew li fuq il-fatti minnu ammessi l-Qorti ma messhiex skond il-ligi tikkundannah fuq dik l-imputazzjoni”.*

Illi dan 1-insenjament imbaghad gie abbraccjat f'sentenza sussegwenti.

**Imputazzjonijiet numru 6 u 7**.

Illi l-ewwel jinghad li l-appellant ma setax jinstab hati taht l-imputazzjonijiet numru 6 u 7, dan qed jinghad peress li dawn huma ta' natura kontravenzjonali u ghalhekk kienu preskritti.

**Stupru**.

Illi ghal dak li jikkoncerna r-reati ta' stupru jinghad is-segwenti.

Illi l-esponent huwa akkuzat li attwalment stupra lil Lousie Mifsud, Alison Bonavia u Desiree Rosso.

Illi minhabba f'dan huwa ghalhekk importanti li jigu analizzati ftit id-depozizzjonijiet ta' dawn it-tlett xhieda.

**Desiree Rosso**

Illi kif gia kellu l-opportunita li jissottometti mix-xhieda ta' Desiree Rosso jirrizulta s-segwenti. Din kjarament iffrekwentat il-kumpanija tal-appellant volontarjament. Fil-fatt l-inkontri li kien ikollha ma' 1-esponent u whud mill-ko-akkuzati l-ohra kienu pjuttost frekwenti. Jirrizulta ukoll li din kienet marret fi-inhawi Ta' Monita, Wied il-Ghajn volontrajment mal-esponent.

Illi jidher car li kienet taf li l-iskop kien sabiex isiru atti intimi. Tilmenta bazikament li l-ewwel darba li hija kellha x'taqsam ma' ragel kienet ma' dan Kevin Chetcuti u li waqt l-att tal-penetrazzjoni kienet hassitha skomda. Jirrizulta ukoll li l-unika rezistenza li kienet ghamelt lill-esponent kienet fis-sens li kienet qaltlu Li kienet thossha skornda pero' b'daqshekk l-esponent ma' fehemx li kellu jieqaf.

Illi pero' jigi enfasizzat li ma jidhirx li din ix-xhud kellha xi ripensament fuq l-esperjenza taghha. Tammetti hija stess

li marret drabi ohra ma' l-istess akkuzat. Kieku tabilhaqq l-esponent kien stuprha zgur ma kientx tibqa' tiffrekwenta l-kumpanija tieghu. Inoltre imbad jirrizulta mill-asjem tal-provi li l-atti sesswali li saru ma Desiree Rosso kienu ripetuti matul relazzjoni li kienet tezisti bejn l-appellant u l-istess xhud, relazzjoni li damet kwazi sentejn.

**<u>Louise Mifsud</u>**

Din ix-xhud iddeponiet fil-15 ta' Novembru 2004. Jidher li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh solament fuq kumment li ghamlet din ix-xhud li l-imputat Kevin Chetcuti ried imur maghha bilfors. Madankollu minn imkien mill-provi ma jirrizulta li dan attwalment sforzha biex tmur mieghu f'xi post imwarrab, anzi attwalment jirrizulta li kienet marret mieghu fi-inhawi Ta' Monita volontarjament.

Illi di piu` kieku verament issuceda dak li qalet li issuceda din ix-xhud zgur li kienet tirrikorri ghand it-tabib. F'dan ir-rigward ma ngabet l-ebda prova forensika u ghalhekk thoss li x-xhud mhiex kredibli u ghal xi raguni jew ohra qed tesagera.

Illi minn qari tal-istqarrija tal-appeliant m hemm xejn li jindika li l-istqarrija tal-istess m'hiex wahda veritjiera. Dan qed jinghad peress li dak iz-zmien l-appellant kellu biss erbatax-il sena, ma kienx jaf bil-konsegwenzi legali ta' dak li kien qed jigi investigat fuqu u in effetti huwa ammetta certu akkuzi li imbaghad gew dedotti kontra tieghu.

Illi mill-banda l-ohra imbad mill-qari tax-xhieda ta' Louise Mifsud jemergi l-karattru ta' persuna rafrettarja ghal-ahhar. Fil-fatt jirrizulta li din iffrekkwentat il-kumpanija ta' wiehed mill-akkuzati volontarjament li zgur kienet taf li l-intenzjoni wara tali inkontri bejn dawn iz-zghazagh kien immirat lejn tali esperenzi sesswali.

**<u>Alison Bonavia</u>**

Illi minn ezami tax-xhieda ta' Alison Bonavia, ghal dak li jikkoncerna l-akkuzi ta' stupru, ftit hemm x'wiehed jiddeduci u l-provi huma skarsi.

Illi pero' ghandu jigi enfasizzat ukoll li ma jidhirx li dawn it-tlett xhieda hassew ruhom wisq peturbati mill-esperjenzi li ghaddew minnhom kif kien ikun mistenni minn persuni li jkunu ghaddew minn trawma ta' tali aggressjoni. Dan il-fatt indubjament ikompli jimmina l-kredibilta ta' dawn ix-xhieda. Jinghad ukoll li lanqas m'hemm xi provi forensici li jaghtu konfort lill-verzjonijiet moghtija minn dawn ix-xhieda.

**<u>Apprezzament tad-Dritt</u>**

**<u>L-ewwel u t-tieni imputazzlonijiet.</u>**

Illi ghandu jigi notat li l-Ewwel Qorti kienet guridikament skorretta meta sabet lil esponent hati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni. Dan qed jinghad ghaliex wahda mill-akkuzi teskiudi lill-ohra. Dan qed jinghad fis-sens, illi jekk m'hemmx l-element ta' korruzzjoni allura imbaghad jista' jkollok l-attentat imma ma jistax ikollok it-tnejn flimkien.

**<u>It-tmien imputazzjoni - theddid.</u>**

Illi ghal dak li jikkoncerna l-akkuza ta' theddid bi kliem skond l-imputazzjoni numru tmienja jinghad li l-esponent ma setaxjinstab hati ta' din l-imputazzjoni ghaliex ma inghataw l-ebda artikoli.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-akkuza ta' **<u>korruzzioni ta' minorenni</u>** jinghad is-segwenti:

Illi fil-kaz partikolari zgur ghandu japplika il-principju ta' *corrupta non corrompitur*. Li ghandu jinghad f'dan is-sens hu li l-pozizzjoni guridika taghna hi li ma jfissirx li ghax persuna ikun gia kellu esperjensi sesswali ma jistax jerga jigi korrot sesswalment. Madanakollu hija nozzjoni zbaljata li wiehed jighd li din id-difiza m'ghadhiex tezisti, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi ghandu jigi enfasizzat illi wara kollox l-istess esponent kien ghadu minorenni ta' tlettax-il sena u ironikament bi-

atti sesswali li saru daqstant seta' jigi korrot hu daqs l-allegati vinmi. Illi del resto mill-assjem tal-provi jirrizulta skjaccatament li il-bniet li huwa kien jiffrekwenta kellhom altroche hazen sesswali, tant li nonostante l-attivita' sesswali li kienet qeghda tirrikorri kienu jippersistu li jiffrekwentaw il-kumpanija tal-esponent u ohrajn. L-istess xhieda jammettu li kelihom esperjenzi
sesswali kemm qabel kif ukoll wara. Zgur li fdan il-kaz partikolari ghandha tigi akkolta din il-linja difensjonali.

**Il-hames imputazzjon- Estrosjoni (inkluz l-element tat-theddid).**

Illi l-Qorti ghandha wkoll tillibera lill-esponent mill-akkuza ta' estorsjoni fit-terminu tal-hames imputazzjoni.

Illi f'dan ir-rigward l-unika prova li hemm kontra l-esponent hi x-xhieda ta' Graziana Gerada nnifisha fejn din tghid li Kevin Chetcuti fost ohrajn kienu jitlobuha flus u jhedduha li jekk ma tatijhomx flus kienu ser jugzawha lil ommha.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghall-artiklu 250 tal-Kodici Kriminali.

Illi minn hawn jirrizulta li element essenzjali rikjest sine qua non sabiex jissussisti dan id-dellitt huwa t-theddid.

Illi pero' mhux kollox jikkostitwixxi it-theddid. L-appellant jissottometti li l-mer fatt (kieku kien il-kaz) li l-esponent kien jghid lix-xhud li ser jugzaha lil ommha zgur mhux sufficjenti biex jikkostitwixxi theddid.

**Referenza ghall-artiklu 35(2) tal-Kodici Kriminali.**

Illi l-akkuzi jirrisalu sa minn Mejju tas-sena 2003.

Illi l-esponent twieled fit-2 ta' Gunju 1989.

Illi b'hekk meta allegatament bdiet din l-istorja l-esponent kien ghadu minorenni ta' tiettax-il sena.

Illi minhabba fil-premess, l-appellant jattira l-attenzjoni ta' din il-Qorti ghall-predispost ta' l-artikolu 35(2) tal-Kodici Kriminali. Hawn naraw li minuri ta' taht l-erbatax-il sena ikunu ukoll ezenti minn responsabilta' kriminali ghal kull att jew nuqqas maghmul bla hazen. Il-Qorti zgur li ghandha tasal ghal konkluzjoni mill-assjem tal-provi li l-appellant kien ghadu tifel mohh ir-rih u gerfex u hawwad minhabba l-bluha tieghu meta sab ruhu f'cirkostanzi partikolari ta' eccess.

**Piena**

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Illi l-Qorti kellha tqis illi meta gew komessi l-allegati reati l-esponent kien ghad kellu biss tiettax-il sena. B'hekk allura l-appellant kien ghadu tifel minghajr is-sagezza li toffri l-hajja u beda jaghmillha ma nies ta' sess oppost li kienu ilkoll ftit jew wisq rafrettarji u immirati li jesperimentaw f'attivita sesswali.

Illi ghalkemm huwa minnu illi din l-attivita' sbruffat lil'hinn minn dak li huwa normalment accettabli u lil'hinn mid-dicenza ghandu jirrizulta minn l-anaizi tal-provi illi l-komparenti kollha u mhux l-appellant biss, kienu b'xi mod jew iehor kompartecipi u taw kontribut ghal din l-attivita' illecita. Illi ghalhekk indubjament dan ghandu jigi rifless fil-piena.

Illi ghandu jigi wkoll kunsidrat il-fatt illi minkejja l-eta tenera tieghu l-appellant meta mitkellem mill-Pulizija Ezekuttiva huwa ikkopera pjenament tant hu hekk illi huwa kien anke irrilaxxa stqarrija.

Illi flimkien mal-eta' il-Qorti kellha tqis ukoll it-trapass taz-zmien.

Illi sa mill-2003 l'hawn ic-cirkostanzi tal-appellant tibdillu konsidervolment tant illi huwa ghandu job fiss u jinsab pjenament integrat fis-socjeta. In fatti ma jirrizultax li wara dawn l-incidenti l-esponent qatt ma kellu skontri ohra mall-ligi u l-fedina penali tieghu hija netta.

Illi apparti minn hekk, l-appellant ghandu familja. Fil-fatt huwa ghandu tarbija li ghandha erba’ xhur.

Illi huwa palezi li l-piena biex taghmel sens u jkollha effett trid tinghata qrib iz-zmien li fih ikun kommess ir-reat.

Illi ghalhekk l-esponent ihoss illi l-piena inflitta fic-cirkostanti tenendo kont l-eta tenera tal-esponent meta gew kkornmessi r-reati, ic-cirkostanzi li fihom twetqu l-istess u t-trapass ta zmien hija wahda eccessiva u mhux idonea.

Rat l-aggravji tal-appellant Melvin Chetcuti:-
Illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u l-fatti peress li qatt ma seta’ jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

**L-ewwel u t-tieni imputazzjonhjiet.**

Illi ghandu jigi notat li l-Ewwel Qorti kienet guridikament skorretta meta sabet lil esponent hati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni. Dan qed jinghad ghaliex wahda mill-akkuzi teskiudi lill-ohra. Dan qed jinghad fis-sens, illi jekk m’hemmx l-element ta’ korruzzjoni allura imbaghad jista’ jkollok l-attent imma ma jistax ikollok it-tnejn flimkien.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-akkuza ta’ korruzzioni ta’ minorenni jinghad is-segwenti:

Illi fil-kaz partikolari zgur ghandu japplika il-principju ta’ *corrupta non corrompitur*. Li ghandu jinghad f’dan is-sens hu li l-pozizzjoni guridika taghna hi li majfissirx li ghax persuna ikun gia kellu esperjenzi sesswali ma jistax jerga jigi korrot sesswalment. Madanakollu hija nozzjoni zbaljata li wiehed jighd li din id-difiza m’ghadhiex tezisti, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi ghandu jigi enfasizzat illi wara kollox l-istess esponent kien ghadu minorenni ta’ tiettax-il sena u ironikament bl-atti sesswali li saru daqstant seta’ jigi korrot hu daqs l-

allegati vittmi. Illi del resto mill-assjem tal-provi jirrizulta skjaccatament li il-bniet li huwa kien jiffrekwenta kellhom altroche hazen sesswali, tant li nonostante l-attivita' sesswali li kienet qeghda tirrikorri kienu jippersistu li jiffrekwentaw il-kumpanija tal-esponent u ohrajn. L-istess xhieda jamrnettu li kellhom esperjenzi sesswali kemm qabel kif ukoll wara. Zgur li f'dan il-kaz partikolari ghandha tigi akkolta din il
linja difensjonali.

**Piena**

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Illi l-Qorti kellha tqis illi meta gew komessi l-allegati reati l-esponent kien ghad kellu biss tiettax-il sena. B'hekk allura l-appellant kien ghadu tifel minghajr is-sagezza li toffri l-hajja u beda jaghmillha ma nies ta' sess oppost li kienu ilkoll ftit jew wisq rafrettarji u immirati li jesperimentaw f'attivita sesswali.

Illi flimkien mal-eta' il-Qorti kellha tqis ukoll it-trapass taz-zmien.

Illi sa mill-2003 l'hawn ic-cirkostanzi tal-appellant tibdillu konsidervolment tant illi huwa ghandu job fiss u jinsab pjenament integrat fis-socjeta. In fatti ma jirrizultax li wara dawn l-incidenti l-esponent qatt ma kellu skontri ohra mall-ligi u l-fedina penali tieghu hija netta.

Rat l-aggravji tal-appellant Lawrence Azzopardi u cioe':-

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija ta' l-erbatax (14) u tas-sitta u ghoxrin (26) imputazzjoni, u cioe' ta' l-allegat stupru fuq il-persuni ta' Louise Mifsud u Tiffany Scerri rispettivament.

Illi qabel ma jaghmel is-sottomissjonijiet tieghu dwar dawn ir-reati, l-esponent umilment jissottometti li dan il-kaz huwa wiehed fejn filwaqt li l-allegati reati ghandhom necessarjament jigu ezaminati individwalment, kemm dawk addebitati lilu kif ukoll dawk addebitati lill-ko-imputati

tieghu, m'ghandu qatt jigi injorat l-isfond kollu tal-kaz. Qed jigi sottomess bl-akbar rispett li huwa verament inverosimili li numru kbir ta' tfaljiet, fuq medda ta' zmien, jissubixxu dak kollu minnhom allegat minghajr ma jsofru ferita wahda, minghajr tentattiv wiehed ta' harba minn fuq ix-xena ta' -allegati delitti, minghajr tentattiv wiehed ta' tibdil fil-post tad-divertiment taghhom tenut kont ta' l-atti kollha minnhom allegatament subiti u fuq kollox, minghajr ma lanqas isir rapport wiehed lill-Pulizija. L-esponent jirrileva li kien biss wara li l-genituri ta' Sera Farrugia skoprew li t-tifla taghhom kienet qed tisraq xi flus li harget din l-istorja kollha li giet investigata mill-Pulizija b'mod altament diskriminatorju u, kif inghad, kien hawnhekk li t-tfaljiet saru l-vittmi u l-guvintur saru l-aggressuri taghhom. Bizzejjed jinghad li hadd mit-tfaljiet li xehdu f'dan il-kaz ma tressaq bir-reat kontemplat fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali tenut kont li anke l-guvintur kienu minorenni fiz-zmien tar-reati allegati. Lanqas ma tressqu, ghall-inqas, bir-reat kontemplat fl-artikolu 209 ta' l-istess Kodici. Huwa proprju f'dan -isfond li l-esponent jitlob bl-akbar rispett li l-kaz jigi ezaminat b'cirkospezzjoni liema cirkospezzjoni certament ma ntuzatx mill-Pulizija Ezekuttiva u stortunament lanqas jidher li ntuzat mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fil-konfront ta' l-esponent.

Illi fir-rigward ta' l-allegat stupru fuq Tiffany Scerri, il-versjoni taghha u dik ta' l-esponent ma jaqblux f'certa dettalji. L-esponent qatt ma nnega li kellu x'jaqsam ma' Scerri izda huwa jispjega li, wara li dahlet fil-karozza ta' missieru kienet hi li hadet l-inizzjattiva u talbitu sabiex imur oltre l-bews u bdiet tinza l-hwejjeg li kellha fuqha biex imbaghad spiccaw kellhom x'jaqsmu ma' xulxin b'mod kompletament konsenswali. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li Scerri qatt ma ghamlet rapport lill-Pulizija dwar dan l-episodju u kien biss fi-isfond ta' dak fuq spjegat, u cioe' fl-isfond ta' investigazzjoni tal-Pulizija fil-presenza ta' ommha (vide xiehda ta' l-Ispettur Anthony Cassar ta' l-1 ta' Dicembru, 2004 a fol. 214) li ttiehdet id-decizjoni li l-esponent jigi akkuzat, inter alia, bi stupru! Il-lakonicita' fix-xiehda ta' Tiffany Scerri hija prova ulterjuri tal-fatt li l-allegazzjoni taghha hija biss konsegwenza tal-mod kif zvolgiet din l-investigazzjoni (vide xiehda tal-15 ta'

Dicembru, 2004 a fols. 540 u 541), l-esponent jaghmel pjena referenza ghal dawk il-partijiet tax-xiehda taghha fejn ghamlet dawn l-allegazzjonijiet infami. Qed jigi sottomess bl-akbar rispett li min jigi stuprat ma jixhidx b’dan il-mod. Tiffany Scerri hija tfajla li l-agir laxxiv taghha inkixef minhabba r-ragunijiet gja’ spjegati u tat sfumatura il dan l-episodju sabiex timminimizza l-agir taghha.

Illi ghalhekk huwa ferm sorprendenti kif il-Qorti tal-Magistrati tat kredibilita’ lil din ix-xhud meta fis-sentenza taghha, fil-parti tal-konsiderazzjonijiet dwar episodju iehor sorprendentement simili bejn Scerri u Matthew Muscat, il-Qorti gustament skartat ix-xiehda tal-istess Scerri wara li din ammettiet li “qisni bdejt ningibed lejh ukoll”. in-nuqqas ta’ kredibilita’ ta’ din ix-xhud kellha necessarjament tigi riskontrata mhux biss fil-lakonicita’ tax-xiehda taghha izda ukoll fil-kontenut altament inverosimili.

Illi l-versjoni ta’ l-allegat stupru fuq Louise Mifsud ghandha verament mill-inkredibbli. Qabel xejn l-esponent ser jaghmel zewg osservazzjonijiet. Fl-ewwel lok dejjem innega li qatt kellu x’jaqsam ma’ din il-persuna. L-esponent qatt ma nheba wara subghajh u qatt ma nnega li kellu relazzjoni ma’ Tiffany Scerri pero’ jinnega kategorikament u bil-qawwa koliha li qatt kellu x’jaqsam ma’ Louise Mifsud. Fit-tieni lok l-esponent jirrileva illi anke fil-konfront ta’ din l-obbligazzjoni, Mifsud qatt ma ghamlet rapport u kien biss wara l-episodju msemmija ta’ Sera Farrugia li ghamlet l-allegazzjonijiet taghha, ukoll fil-presenza ta’ ommha (vide xiehda ta’ l-spettur Anthony Cassar ta’ l-1 ta’ Dicembru, 2004 a fol. 228).

Illi l-versjoni ta’ Louise Mifsud hija altament inverosimili u bizzejjed li wiehed jhares lejn id-dinamika ta’ kif spjegat il-kaz taghha. Skond din il-versjoni hi kienet bilqeghda fuq l-esponent u hu dahhal il-parti tieghu gewwa taghha. Warajh stuprawha hames persuni ohra, tlieta minnhom mhux identifikati. Issa a parti li l-esponent dejjem innega dan il-fatt, din l-ispjegazzjoni ma tistax titwemmen. Jekk hi kienet bilqeighda fuqu, kif qatt setgha jkollu x’jaqsam maghha kontra b-vobonta’ taghha? Ghaliex Kevin Chetcuti ssemma fl-imputazzjoni pero’ ma ssemmiex fix-

xiehda taghha? Mm kienu l-persuni li qatt ma gew identifikati? Ghaliex ma gewx identifikati? Ghaliex ma sarx rapport lili-Pubizija tenut kont tal-gravita' ta' l-atti allegati. Dawn id-domandi ser jibqghu minghajr risposta ghaliex din l-istorja ma hi xejn hhief invenzjoni ta' Mifsud li m'ghandha tinghata ebda kredibilita'. Hawnhekk wiehed ma jistax jinsa' li l-kaz tal-prosekuzzjoni jrid jigi ppruvat sal-grad tac-certezza morali. L-esponent jissottometti li l-versjoni moghtija minn Mifsud bilkemm hija possibbli, multo magis probabbli jew addirittura pruvata sal-grad tac-certezza morali.

Illi t-tieni aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija ta' l-ewwel (1) imputazzjoni, u cioe' ta' l-allegat korruzzjoni tal-minorenni Hannah Schembri, Tiffany Scerri u Louise Mifsud.

Illi qed jigi sottomess bl-akbar rispett li hemm ftit konfuzjoni fil-konsiderandi u fil-konkluzzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati fir-rigward ta' din l-ewwel imputazzjoni u kif ukoll fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ta' l-attentat vjolent ghalb-pudur. Bizzejjed jinghad li ghalkemm jidher li s-sejbien ta' htija fl-ewwel imputazzjoni kienet tirrigwarda atti fuq l-imsemmija tlett minorenni (vide fol. 100 tas-sentenza appellata), jidher ukoll li nstabet htija fir-rigward ta' atti allegatament kommessi fuq jew fil-presenza ta' Victoria Debattista (vide fol. 61).

Illi jibda biex jinghad li fis-sentenza ta' din 1-Onorabbli Qorti fl-ismijiet Il-Pulizija v. George Portelli (20.02.1975) gew delineati l-kriterji li ghandhom jiggwidaw lill-Qrati taghna f'kazijiet ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni tal-minorenni. F'dik is-sentenza kien intqal li ghall-finijiet ta' dan ir-reat, fi-istat attwali tal-ligi taghna, irid ikun hemm l-element tal-korruzzjoni effettiva tas-soggett passiv. Ghall-konstatazzjoni ta' dan l-element wiehed ghandu jevita l-veduti estremi ta' l-iskejjel opposti u jsegwi dik prattika u moderata segwita mill-Maino u awturi ohrajn fis-sens illi ghandu jigi ezaminat kull kaz partikolari fuq il-fattispecji tieghu, u dan nonostante d-diffikultajiet u l-incertezzi inseparabbli minn apprezzament ta' kwistjoni ta' fatt. Din hi s-soluzzjoni l-aktar korretta quddiem it-test u l-ispirtu ta'

l-artikolu 335 tal-Kodici Penali Taljan ta’ l-1889, ekwivalenti ghall-artikolu 203 [gja’ 217] taghna hlief li hemm, bhalma rega’ sar fil-Codice Rocco (1930) il-limitu ta’ l-eta’ li hu dak ta’ 16 il-sena. Jigifieri f’kull kaz il-gudikant ghandu jaghmel apprezzament tieghu tac-cirkostanzi partikolari u jizen in-natura ta’ l-att mal-grad ta’ korruzzjoni gja’ milhuq mill-minuri biex jara jekk dak l-att kommess fuq il-persuna jew anke fil-presenza biss tal-minuri rnexxilux attwalment jikkorrompiha. Dan ma jfissirx li persuna gja’ parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta’ kwistjoni ta’ bilanc.

Illi huwa proprju fid-dawl tat-taghlim f’din is-sentenza li l-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet The Police v. Thomas Wiffen (08.01.1996) rriteniet li “[f]or the completed offence of defilement of minors, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act (“atto di libidine”) and the actual defilement.

Illi dan kollu jfisser li ghall-finijiet ta’ dan ir-reat, a parti l-element formali, il-prosekuzzjoni trid tipprova kemm li jkun sar l-att ta’ libidini kif ukoll li jkun hemm il-korruzzjoni effettiva. Ghall-finijiet ta’ dan l-ahhar element, kif inghad, il-gudikant ghandu jaghmel –apprezzament tieghu biex jara jekk dak l-att kommess irnexxilux attwalment jikkorrompi lill-minorenni. Dan certament ma huwiex xi ezercizzju facli u jinghad bl-akbar rispett li ma jidhirx li sar f’dan il-kaz mill-Qorti tal-Magistrati meta giet biex tevalwa, kemm fattwalment kif ukoll legalment, l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront ta’ l-esponent.

Illi, a parti dak li ser jinghad dwar l-akkwijixxenza u addirittura inizzjattiva tal-minorenni, l-atti allegatament kommessi fil-konfront ta’ Hannah Schembri, u del resto anke fil-konfront ta’ Victoria Debattista, bl-ebda tigbid ta’ l-immaginazzjoni ma jistghu jigu konsidrati bhala atti ta’ libidini li jwasslu ghar-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni. Kif intqal fis-sentenza tal-Qorti Kriminali fi-ismijiet il-Pulizija v. Kelinu Mifsud (08.01.1955 - Kollez. XXXIX.iv.931) fil-korruzzjoni ta’ minorenni, appuntu minhabba mhux biss il-kliem “atti ta’ libidini”, imma anke stante il-kelma “jikkorrompi”, hemm indikata l-opera perikoluza tas-

seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Itaija, fid-diskussjoni tal-progett tal-Kodici Kriminali ta' 1-1887 (Relaz. CXCIX), ghadha tigi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore".

Illi l-atti li qed jigu addebitati lill-esponent gew elenkati f'pagna 61 tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati b'referenza specifika ghal dawk il-partijiet tax-xiehda li suppost wasslu ghar-reati ta' korruzzjoni ta' minorenni u attentat vjolent ghall-pudur. Issa dawn l-atti forsi setghu, jekk ippruvati fil-konfront ta' l-esponent u jekk akkumpanjati bi-ingredjenti koliha necessarji, iwasslu ghar-reita' fi-artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, reat li fi kwalunkwe kaz ma giex addebitat lill-esponent. Wiehed kien jistenna, tenut kont anke ta' gurisprudenza recenti, li jsir ezami approfondit ta' l-att sabiex jigi stabbilit jekk dak l-att jikkostitwix reat, sia jekk addebitat o meno. Per ezempju, fis-sentenza ta' din il-Qorti fi-ismijiet li-Pulizija v. A.B. (11.05.2005) intqal li t-tehid ta' ritratti bla hwejjeg, id-docca, il-loghob waqt li persuni jkunu gharwenin, u l-wiri tar-ritratti fuq il-kompjuter ma humiex proprjament "eghmil zieni" ghall-finijiet ta' 1-artikolu 203(1), izda huma mezzi ohra li bihom wiehed jeccita, jghin jew jiffacilita l-korruzzjoni ta' minorenni. Dawn ta' l-ahhar ilium huma kolpiti bi-imsemmi artikolu 203A. Fis-sentenza fl-ismijiet il-Pulizija v. Omar M. Ammar Z. Jolqham (15.02.2008), din il-Qorti kienet illiberat lill-appellant mir-reat kunsmat taht l-artikolu 203A tal-Kodici Kriminali, izda sabitu hati tat-tentattiv ta' dan ir-reat, u dan peress illi l-appellant ipprova, bil-kliem li uza kif ukoll bit-tokkamenti, jeccita l-korruzzjoni tal-minorenni izda rnexxielu biss ibezzghu u mhux jikkorrompih.

Illi fir-nigward ta' Hannah Schembri l-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza ghax-xiehda taghha li tinstab traskritta a fol. 635 ta' l-atti processwali. Ezami akkurat ta' din ix-xiehda juri li fl-ebda mument ma din ix-xhud ma tghid li l-esponent kien mess il-partijiet privati taghha kif qed tikkonkludi l-Qorti.

Illi l-istess jista' jinghad fir-rigward ta' Victoria Debattista. Il-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza ghax-xiehda taghha li tinsab traskritta a fol. 772 ta' l-atti processwali.

Din ix-xhud ma tghid fl-ebda mument li l-esponent kien mess il-partijiet privati taghha kif sorprendentement qed tikkonkludi -Qorti.

Illi l-esponent instab hati wkoll li wera film pornografiku lil Hannah Schembri. Il-Qorti tal-Magistrati ghamlet referenza ghax-xiehda taghha li tinsab traskritta a fol. 637 ta' l-atti processwali. Kull ma jirrizulta minn din ix-xiehda hu il-film intwera fid-dar ta' l-esponent u mhux, kif qed tallega l-Qorti, li l-esponent "wera film pornografiku lil Hannah Schembri".

Illi dan kollu qieghed jinghad peress li certi kongetturi, specjalment tenut kont tal-fatt li esponent gie kkundannat sentejn prigunerija, huma ferm preokkupanti. Wiehed kien legittimament jippretendi li l-atti allegatament kommessi mill-esponent jigu ezaminati b'mod aktar approfondit. Wiehed kien jippretendi li dawn l-atti jigu ezaminati mill-aspett ta' verosimiljanza u mhux jigi accettat kohlox a bocca baciata. Wiehed kien jippretendi li jsir ezami ta' min verament ikkommetta dawn l-atti u jekk giex ppruvat sal-grad tac-certezza morali jekk l-esponent kienx partecipi fihom. Wiehed kien jippretendi li xiehda vaga tigi skartata anke forsi jekk biss wara li jsir indagini da parti tal-Qorti dwar ir-raguni ghan-nuqqas ta' dettal. Wiehed kien jippretendi li x-xiehda ta' dawn il-minorenni tigi ezaminata fid-dawl tal-fatt li l-hajja laxxiva taghhom giet skoperta mill-genituri u mill-Pulizija u fid-dawl tal-fatt li kien biss wara dan kollu li sar ir-rapport lill-istess Pulizija — jekk rapport tista' ssejjahlu! Wiehed kien jippretendi li l-fatt li kien hemm tfajliet daqs kemm kien hemm guvintur, anzi iktar tfajliet minn guvintur, jittiehed in konsiderazzjoni fl-evalwazzjoni mill-Qorti tal-fatt li hadd minn dawn il-minorenni tfajliet ippruvaw jiddistakkaw rwiehhom b'mod serju mill-guvintur. Wiehed kien jippretendi li l-fatt li non si tratta ta' aggressjoni fuq tfajla jew tnejn izda fuq allegata aggressjoni fuq 'l fuq minn ghaxar tfajhiet tigi kkunsidrata ghall-finijiet tal-kredibilita' ta' l-istess tfajliet. Wiehed kien jippretendi li l-atti jigu ezaminati fid-dawh mhux biss ta' gurisprudenza dwar x'jikkostitwixxi r-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u l-elementi kostituttivi tieghu, izda wkoll tid-dawl ta' gurisprudenza li oggettivament teskludi certi atti

minn dan ir-reat. Sfortunatament dan ma sarx u l-uniku att li jidher li ma nqabadx fix-xibka tal-Qorti kienet semplici bewsa!

Illi ghal dak li jirrigwarda l-allegat stupru fuq Louise Mifsud, l-esponent jirribadixxi u jinnega kategorikament li qatt kellu x'jaqsam ma' din il-persuna u l-atti minnha spjegati huma biss frott ta' l-immaginazzjoni taghha.

Illi s-sitwazzjoni fir-rigward ta' l-allegat stupru fuq Tiffany Scerri hija kemmxejn diversa. L-esponent spjega li l-kongungiment karnali ma' Scerri kienet l-ewwel esperjenza sesswali tieghu. Mhux hekk ghal Scerri. Effettivament din ix-xhud spjegat li kellha x'taqsam sesswaiment diversi drabi ma' Matthew Muscat maghruf bhala l-beaver (fol. 535) u anke ma' persuna ohra gewwa Birzebbuga (fol. 542). Ghalhekk jinghad bi-akbar rispett li l-attijiet konsenswali kommessi flimkien ma jistghu qatt jwasslu ghar-reat ta' korruzzjoni tal-minorenni Scerri. Semmai setghu kienu idonei sabiex jikkorrompu lill-esponent izda sfortunatament min kellu d-dover jezamina dawn ic-cirkostanzi biex jara mm kellu jitressaq ghazel li jisma' qanpiena wahda biss. Effettivament irrizulta mill-provi li Scerri gja' kellha diversi esperjenzi simili. Ma jista' qatt jinghad li, f'cirkostanzi tali, dak l-att attwalment ikkorrompa lil Scerri u certament ma saritx il-prova da parti tal-prosekuzzjoni ta' korruzzjoni effettiva. Kien biss att prattikament identiku ghal diversi atti minnha kommessi precedentement ma' persuni ohra.

Illi, fir-rigward ta' attijiet diversi li jidher li l-Qorti akkampat maghhom ghall-finijiet ta' korruzzjoni, b'ammissjoni taghha stess Tiffany Scerri qalet li kwazi l-guvmntur koliha kienu jmissuha minn taht il-hwejjeg. Skond hi kienu jaqbdulha sidirha, l-warrani u l-parti private taghha (vide, per ezempju, fol. 711). Ma jirrizultax li din kienet taghmel xi forma ta' rezistenza. Huwa proprju ghalhekk li l-gurisprudenza tezigi li ghandu jkun hemm il korruzzjoni effettiva u, tenut kont tal-premess, difficilment jista' jigi argumentat li l-korruzzjoni effettiva giet pruvata. Bilkemm hemm ghaifejn jinghad li dwar dan il-Qorti tal-Magistrati ma ghamlet ebda osservazzjoni.

Illi finalment ma jistax ma jigix rilevat li -atti fost dawn iz-zghazagh gew kommessi kemm mill-guvintur kif ukoil mit-tfajliet. L-esperjenzi li ghexu dawn iz-zghazagh fiz-zmien inkriminat kienu esperjenzi konsenswali ta' minorenni li qed jiskopru s-sesswalita' taghhom anke tenut kont tal-etajiet rispettivi taghhom. Huwa proprju f'dan l-isfond li l-attijiet deskritti minn dawn il-minorenni ghandhom jigu ezaminati. Kif gja' gie spjegat kienet biss l-iskoperta ta' serqa kommessa minn wahda minn dawn il-minorenni li wassal ghal dan il-kaz kollu bil-Pulizija jaghzlu lit-tfajliet bhala l-vittmi u lill-guvintur bhala l-perpetraturi ta' dawn l-allegati reati. Ghalkemm forsi mill-aspett ta' moralita' certa atti difficilment jistghu jigu kondonati, il-gudizzju li ghandu jsir ma huwiex fuq il-moralita' o meno taghhom izda fuq jekk dawn l-atti effettivament ikkorrompewx lil xi hadd u, fuq kollox, jekk dawn l-atti gewx imposti o meno. Jinghad minghajr tlaqliq li, ghalkemm dan il-kaz qajjem certa kontroversja, il-maggor parti tas-sitwazzjonijiet gew precipitati mill-agir laxxiv tat-tfajliet involuti li dejjem kienu pronti jaccettaw l-avanzi tal-guvintur involuti u, xi mindaqqiet, addirrittura jiehdu huma l-inizzjattiva bhalma gara fil-kaz ta' Tiffany Scerri li meta giet skoperta mill-genituri taghha u mill-awtoritajiet allegat li kienet giet stuprata. Dan l-agir jimmerita li jigu censurat bil-qawwa kollha u mhux isib il-konfort tal-Orati taghna.

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija tat-tieni (2) imputazzjoni, u cioe' ta' l-allegat attentat vjolent ghall-pudur in kwantu jirrigwarda ii Alison Bonavia, Tiffany Scerri, Louise Mifsud, Hannah Schembri u Victoria Debattista.

Illi kif gja inghad, il-konsiderazzjonijiet u l-konkluzzjonijiet tal-Qorti tal-Magistrati fir-rigward ta' dan ir-reat ma humiex car minn qari ta' pagna 61 tas-sentenza jidher li l-unika att li ma giex kunsidrat ghall-finijiet tar-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kienet l-allegata bewsa fuq Alison Bonavia. Issa skond is-sentenza ta' din il-Qorti fi-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Micallef (13.11.1998), il-kriterju differenzjali senjat mill-ligi stess bejn ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni u dak ta' attentat vjolent ghall-pudur hu wiehed negattiv, fis-

sens li jekk jikkonkorru fil-fatt addebitat li l-imputat ir-rekwiziti tal-korruzzjoni ta’ minorenni hemm dan id-delitt, jekk le hemm l-attentat vjolent ghall-pudur. Fi kliem iehor dawn ir-reati huma alternattivi - jew jirrizulta r-reat ta’ korruzzjoni ta’ minorenni jew ir-reat ta’ attentat vjolent ghall-pudur. Jidher car li dan il-fatt gie kompletament injorat mill-Qorti tal-Magistrati u nstabet htija fiz-zewg reati meta huwa evidenti li reat jeskludi ill-iehor.

Illi qed jigi sottomess ukoll li lanqas ma huwa korrett li bewsa, li lanqas biss issemmiet fl-ezami tax-xhud Alison Bonavia, tigi kkunsidrata ghall-finijiet tar-reat ta’ attentat vjolent ghall-pudur. Bilkemm hemm ghalfejn jinghad li r-reat ta’ attentat vjotent ghall-pudur jirrikjeda li l-lezjoni ghall-pudur tkun vjolenti, u cioe’ li ghal-anqas tkun saret minghajr kunsens u tali vjolenza trid tigi ppruvata u mhux mhollija ghall-immaginazzjoni u l-ispekulazzjoni ta’ dak li jkun.

Illi r-raba’ aggravju jirrigwarda s-sejbien ta’ htija tal-hames (5) imputazzjoni, u cioe’ ta’ l-allegat rikatt fil-konfront ta’ Graziana Gerada.

Illi jinghad mill-ewwel li ma hemm assolutament ebda prova li b’xi mod tista’ torbot lill-esponent ma’ dan ir-reat. Kif inghad fis-sentenza ta’ din il-Qorti fi-ismijiet il-Pulizija v.Angelo Vella (28.07.1988), wiehed mill-elementi principali ta’ dan ir-reat kontemplat fl-artikolu 250 tal-Kodici Kriminali huwa illi min jikkommettieh irid ikun hedded li jaghmel denunzja jew kwerela kontra persuna ohra Jew li jaghtiha malafama bhala hatija ta’ reat jew ta’ fatt li jtellef il-gieh u li inoltre dan it-theddid irid ikun akkompanjat bi-element intenzjonali specifiku u cioe’ li l-hati jrid ikollu l-hsieb li jestorci flus jew xi haga ohra jew li jaghmel xi qliegh bhala rizultat ta’ dik it-theddida.

Illi fix-xiehda taghha tal-10 ta’ Dicembru, 2004, Graziana Gerada ssernmi diversi persuni li talbuha l-flus u bdew “jhedduha” li jghidu lill-ommha. Isem l-esponent ma jissemmiex fost dawn il-persuni (vide fol. 517). Iktar tard fix-xiehda taghha Gerada ghamlet referenza ghall-karta li kienet kitbet il-gurnata ta’ qabel flimkien ma’ ommha fejn

qalet, fost affarjiet ohra, li kienet tat-hamsin Lira (Lm 50) lill-esponent (fol. 518). Tali allegazzjoni ma giet marbuta ma' ebda cirkostanza ta' theddid.

Illi fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati ghamtet referenza ghax-xiehda ta' Sarah Farrugia li qalet li, fost persuni ohra, l-esponent kien jitlob flus lil Graziana. Ghal darb'ohra tali allegazzjoni ma giet marbuta ma' ebda cirkostanza ta' theddid.

Illi qed jigi sottomess bl-akbar rispett li, a parti l-assurdita' tat-theddida, huwa inkoncepibbli kif fid-dawl ta' nuqqas tali ta' provi persuna tista' tinstab hatja ta' reat serju bhalma huwa r-rikatt!

Illi l-hames aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija tas-sitt (6) imputazzjoni, u cioe' tal-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 338(q) tal-Kodici Kriminali.

Illi din il-kontravvenzjoni hija preskritta bit-trapass ta' tlett xhur. L-esponent tressaq b'arrest fit-18 ta' Novembru, 2004. Ma tezisti ebda prova li l-allegat reat sehh fit-tlett xhur li kienu jipprecedu l-presentata tieghu b'arrest. Fi kwalunkwe kaz hadd mill-allegat vittmi ma semma xi dati fejn suppost gie kommess tali reat u ghalhekk l-azzjoni kriminali relattiva hija estinta.

Illi s-sitt aggravju jirrigwarda s-sejbien ta' htija tat-tmien (8) imputazzjoni, u cioe' tar-reat ta' theddid kontemplat fl-artikolu 249 tal-Kodici Kriminali.

Illi kif ntqal fis-sentenza ta' din il-Qorti fi-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Gauci (1206.2003), biex ikun hemm it-theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-khem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "...e' sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita' della persona a cui e' rivolta, come nel caso

che taluno dica ad un altro: ‘ti faro’ vedere di che cosa sono capace”. Pero’ dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.

Illi jirrizulta mis-sentenza appellata li l-htija ta’ l-esponent fir-rigward ta’ dan ir-reat giet ravvizata biss fir-rigward ta’ Graziana Gerada. A skans ta’ ripetizzjoni inutili qed issir referenza ghar-raba’ aggravju fejn gie spjegat li mkien mill-provi ma rrizulta li l-esponent hedded lil Graziana Gerada.

Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, qed jigi rilevat ghal kull buon tini li r-reat minuri u kompriz u involut kontemplat fi-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali huwa preskritt ghall-istess ragunijiet indikati fl-aggravju precedenti.

Illi s-seba’ aggravju, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precedenti, jirrigwarda l-piena.

Ghandu l-ewwel nett jigi rilevat li l-Qorti tal-Magistrati ma ghamlet assolutament ebda referenza ghall-konkors formali tar-reati u ghall-konkors tal-pieni. Dawn kienu t-tnejn applikabbli.

Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, jidher car li 1-Qorti tal-Magistrati injorat il-fatt li dan il-kaz kien wiehed partikolarissimu fejn diversi zghazagh kienet qed jghixu hajja mmorali u laxxiva, pero’ dana kollu bil-kunsens ta’ kulhadd. Kien biss meta nqala’ l-episodju partikolari li ghalih saret referenza precedentement li bdew il-problemi u t-tfaljiet, biex jghattu dnubiethom mhux biss quddiem il-Pulizija izda anke quddiem il-genituri taghhom, pingew lilhom infushom bhala l-vittmi ta’ diversi atti meta fil-verita’ kienu huma jew li kkundanawhom, jew li pprovokawhom, jew li addirittura inizzjawhom.

Illi jirrizulta mill-atti processwali li, nonostante l-allegazzjonijiet serji fil-konfront tieghu, l-involviment ta’ l-esponent kien wiehed periferali ghall-klikka in kwantu kien ikun fil-kumpanija taghhom fil-weekends biss. Di piu’ ma jistax jintnesa’ li meta sehh dan kollu l-esponent kien ukoll

minorenni u dan il-fattur ghandu jinghata importanza oggettivament riskontrabbli fil-piena u mhux semplicement jissemma biex ikun issemma. L-esponent inqabad f'nassa ta' laxxivita' u waqa' fiha. Pero' mhux kull mm waqa' f'din in-nassa kellu l-isfortuna li jispicca akkuzat bi-istess reati serji li gie akkuzat bihom 1-esponent. Kien hemm min inheba wara dnubietu u pinga storja ta' vittma u sab il-protezzjoni tal-Pulizija. U huwa anke ghalhekk li l-piena erogata fil-konfront ta' l-esponent ma hijiex donea ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant Charles Clint Calleja u cioe`:-

a. Illi l-ewwel u qabel kollox hu rilevanti li jigi sollevat bhala bidu li l-imputat qed jichad l-akkuzi fil-kont tieghu. Illi din il-pozizzjoni hi sopportata mill-fatt li tul il-provi jirrizulaw inkonsistenzi fil-provi sopportat mill-fat li min qjjem dawn l-akkuzi ma tantx wera ebda biza ghax sallum baqghu hbieb qisu ma gara xejn. Illi, ghalhekk f'dan ir-rigward, wiehed isaqsi l-validita` ta' dawn l-akkuzi u x'immotivhom?

b. Illi bhala aggunt ghas-suespost, il-Qorti Kriminali hija marbuta b'regoli ta' apprezzament. Illi dan ifisser il-principju ta' akkuzat hu innocenti sakemm jinstab hati hu principju drakonjana w bazika fil-kamp penali. Illi id f'id mas-suespost principju hu l-principju li l-Qorti ma tistax timxi fuq dubbju imma provi cari fil-kamp penali. Illi minhabba f'hekk l-ewwel Qorti hasset w gharrfet dan il-principju meta, ex ufficio stqarret li "*.. kull Qorti ta' Gustizzja hija marbuta b'regoli precizi li ghandhom jigu applikati fl-apprezzament tal-provi prodotti waqt li dawn ikunu qed jigu applikati ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat*". Illi pero`, jekk ikun hemm evidenza konfliggenti, anki l-icken dubbju, dan ghandu jimmilita favur l-imputat.

c. Illi di piu`, din l-Onorabbli Qorti ghandha tikkonsidra l-validita ta' dak li ndikat l-ewwel Qorti meta stqarret li: "*Xhud wiehed, jekk emmnut sal-grad tal-konvinciment morali, huwa bizzejjed sabiex il-Qorti ssib u tiddikjara htija.*" Illi ghalhekk hu f'dan l-ispiertu li l-imputat hass il-htiega li jindika fl-ewwel punt ta' difiza in-nuqqas ta'

kredibbilta ta’ min ghamel l-akkuzi fil-konfront tal-imputat! Illi assolutament m’hemmx konsistenza ta’ dak allegat w min allega imma fl-istess izomm hbiberija qisu qatt ma gara xejn!

d. Illi aspett importanti fid-dawl generali tal-kaz huw l-fatt li l-imputat, dak iz-zmien kellu cirka hmistax (15) il-sena, zmien ta’ tifel mohhu biex igawdi w jghix, kif mistenni, minn guvnott jew tfajla ta’ dik l-eta li dak iz-zmien ikunu fl-istadju ta’ zvilupp. Illi, allura issa s-stiwazzjoni waqghet fl-assurdita kif giet progettata?

e. Illi argument ta’ nuqqas ta’ kredibilita jirrizulta, fost l-akkuzi, mill-akkuza ta’ serq. Illi fl-ebda stadju waqt il-gbir tal-provi ma nghatat prova ta’ dak allegat bhala serq u x-xhieda qatt ma spjegaw u jew taw indikazzjoni konkreti w/jew sar access fuq din l-allegazzjoni fil-post fejn allegatament sar is-serq. Illi ghalhekk, wiehd isaqsi fejn hu l-konvinciment morali billi min qed jallega tinghata l-possibilita li tiddikjara b’mod hafif u irhis bhal kaz odjern? Illi l-prosekuzzjoni ma prezenta ebda rapport li seta sar f’dal allegat almenu fil-konfront tal-imputat!

f. Illi di piu`, anki fir-rigward stupru jew molestja wjew offiza simili ma inghata prova konkreta li tista` titfa htija fuq l-imputat. Illi dan qed jinghad ghax kieku kien hemm dawn il-molestji kif allegat, kien isir rapport mal-ewwel. Illi wara kollox l-anqas ma ingabet prova wahda u/jew rapport meta allegatament saru dawn l-offizi ma ngabet sija minn naha tal-allegat vittma w l-anqas minn naha tal-prosekuzzjoni. Illi di piu`, l-anqas ma ingabet prova ta’ xi marka fuq l-allegat vittma w/jew certifikat mediku li tikkonferma dak allegat liema nuqqas serju ma inghatax piz kif mixtieq mill-ewwel Qorti. Illi dan hu ‘oversight’ serju li din l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tikkonsidra fid-dawl tal-kaz. Illi dan hu principju tant kardinali fil-kamp kriminali li dan l-obbligu ta’ prova hija nieqsa ghal kollox. Illi ghalhekk hu inaccettabbli li, biex tigi sorvolata din il-haga, l-ewwel Qorti ghazlet li tegheleb din id-diffikulta billi ghazlet it-triq ta’ konvinciment morali, limea triq hi wahda ghal kollox irhisa meta hemm fin-nofs il-liberta tal-individwu! Illi dan m’hux qed jinghad b’sens ta’ disrispett

imma sempliciment biex tigi enfasizzata l-importanza tal-principju fid-dawl generali tal-kaz.

g. Illi s-suespost argument japplika wkoll fir-rigward l-akkuzi kollha, naturalment sa fejn tikkoncerna l-imputat biss. Illi bl-ebda mod ma tinteressa l-imputat fir-rigward l-akkuzati l-ohra li ghandhom jirrispondu ta’ ghemilhom.

h. Illi ta’ min isemmi, pero, n-nuqqas serju ta’ osservanza tal-procedura tal-ligi minn naha tal-prosekutur. Illi dan qed jinghad ghax jekk wiehed jgharbel sew ix-xhieda fl-istadju kmieni tal-kaz wiehed jinduna li l-prosekutur letteralment tqanzah fejn ipprova jghatti n-nuqqasijiet tieghu liema agir hu ghal-kollox illecitu. Illi dan qed jinghad ghax wiehed ma jridx jinsa li l-akkuzat ma kienx asisstit minn avukat u lanqas ma kien gie moghti l-opportunita jikkonsulta ma’ avukat. Illi ghalhekk filwaqt li l-prosekutur kien ammetta li ma kienx taht arrest, fuq domanda tal-pulizija: “*..is-sinjuri qatt ma kienu taht police bail? Qatt”* illi ghalhekk, irrizulta li l-prosekutur tqanzah meta gie mistoqsi d-domanda li “*... talbithom biex imorru fil-11.00am. id-depot fil-fatt inti kont ser tressaqhom il-Qorti hekk hu?”* Ghax bazikament hekk kien il-kaz.

i. Illi n-nuqqas ta’ kredibilita jirrizulta wkoll ghax meta tressaq l-akkuzat kienu dahlu biss tlett (3) rapporti liema rapporti saru fuq l-insistenza tal-pulizija w m’hux a tempo vergine meta allegatament graw dawn l-offizi! Illi anki hawn, l-prosekutur, ammetta dan il-fatt meta tela ghat-tielet darba biex jispjega l-kaz liema nuqqas ghandu jimmilita favur l-akkuzat.

j. Illi di piu, irrizulta li fix-xhieda kien gie indikat cirka perjodu ta’ tlett gimghat jekk m’hux aktar. Illi allura kif setghet l-ewwel Qorti taghti piz ta’ dawn allegat akkuzi fuq perjodu kif indikat bhal theddid, stupru, molestja w offizi simili meta fl-istess hin l-allegati vittmi ammettew li huma xorta baqghu jiltaqghu mal-akkuzati, imma f’dan il-kaz mal-akkuzat odjern, qisu xejn ma kien xejn? Illi kif tista` tinghata piz il-verzjoni tal-vittmi meta huma stess kienu ificcu l-imputat u jkomplu fil-kumpanija tieghu, naturalment tal-akkuzati l-ohra wkoll? Illi din il-haga l-ewwel Qorti ma

tantx ikkonsidrat din il-haga liema aspett hu nuqqas serju fid-dawl tal-kaz u nuqqas ta' applikazzjoni tal-principji tant kardinali liema haga tispjega il-ghaliex l-imputat beda d-difiza teighu ghax inhass il-htiega li jsir hekk! Illi ghalhekk, kull suggeriment, kif sar fil-kaz ta' Graziana Gerada fil-konfront tal-imputat hu inaccettabbli ghax ma ipprezentat ebda prova imma ghalkemm ghamlet allegazzjonijiet, hi xorta riedet tgawdi l-kumpanija tal-imputat.

k. Illi anki, u minghajr pregudizzju, qed jigi sollevat li l-ewwel Qorti ma tatx piz ghall-fatt li l-imputat kien minuri. Illi l-fedina penali tal-imputat kienet netta fl-eta ta' 15 il-sena cirka u semmai, jekk dina l-Onorabbli Qorti taghzel li ssib lil imputat hati, lanqas ma gie kkunsidrat il-fatt li tinghata suspended sentence bhal ma jigri f'dawn ic-cirkostanzi. Illi dawn huma fatturi krucjali iktar u iktar meta jigi kkunsdrat il-fatt li min mill-akkuzati ikkommettew reati aktar gravi w serji, inghataw sentenza daqs l-imputat liema haga tikxef nuqqas ta' ekwita fil-piena. Illi dan ghandu jigi kunsiderat bhala nuqqas serju u dina l-Onorabbli Qorti qed tigi mitluba tehodha inkonsiderazzjoni fid-dawl generali tal-kaz. Illi di piu, anki hawn m'hemmx qbil ma dak li sar mill-ewwel Qorti w dan ghas-semplici raguni li mill-andament tal-provi w bil-mod kif l-allegat vittmi komportaw ruhom sija qabel u matulil-gbir tax-xhieda, tant irrizulta n-nuqqas ta' serjeta w konsistenza li dan in-nuqqas ma giex riflessa fis-sentenza bil-konsegwenza li l-imputat gie pregudikat.

l. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost qed jinghad b'mod car li l-argumenti sollevati bhala difiza m'ghandhom jigu kunsidrati bhala ezawrenti w l-imputat qed jirrizerva d-dritt li jipprezenta argumenti ohra skond il-kaz u fit-trattazzjoni bhala difiza.

Rat l-aggravji tal-appellant Clint Callus Haidon u cioe`:-

Illi l-ewwel Qorti ghamelt apprezzament hazin tal-provi u l-fatti peress li qatt ma seta` jinstab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu.

**<u>Imputazzjoni numru 6</u>**

Illi l-ewwel jinghad li l-appellant ma setax jinstab hati taht l-imputazzjoni numru 6, dan qed jinghad peress li din hija ta' natura kontravenzjonaliu ghalhekk kienet preskritti.

**Stupru**

Illi ghal dak li jikkoncerna r-reati ta' stupru jinghad is-segwenti.

Illi l-esponent huwa akkuzat li attwalment stupra lil Louise Mifsud.

Illi minhabba f'dan huwa ghalhekk importanti li tigi analizzata ftit id-deposizzjonijiet ta' din ix-xhud.

**Louise Mifsud**

Din ix-xhud iddeponiet fil-15 ta' Dicembru, 2004. Jidher li l-kaz tal-prosekuzzjoni jistrieh solament fuq kumment li ghamlet din ix-xhud li l-imputat Kevin Chetcuti ried imur maghha bilfors. Madankollu minn imkien mill-provi ma jirrizulta li dan attwalment sforzha biex tmur mieghu f'xi post imwarrab, anzi attwalment jirrizulta li kienet marret mieghu fl-imwarrab ma' l-appellant u ohrajn volontarjament.

Illi di piu` kieku verament issuceda dak li qalet li issuceda din ix-xhud zgur li kienet tirrikorri ghand it-tabib. F'dan ir-rigward ma ngabet l-ebda prova forensika u ghalhekk thoss li x-xhud mhiex kredibli u ghal xi raguni jew ohra qed tesagera.

Illi minn qari tax-xhieda ta' Louise Mifsud jemergi l-karattru ta' persuna rafrettarja ghal-ahhar. Fil-fatt jirrizulta li din iffrekkwentat il-kumpanija ta' wiehed mill-akkuzati volontarjament li zgur kienet taf li l-intenzjoni wara tali inkontri bejn dawn iz-zaghzagh kien immirat lejn tali esperjenzi sesswali.

Illi ghandu jigi enfasizzat ukoll li ma jidhirx li din ix-xhud hasset ruha wisq perturbata mill-esperjenza li ghaddiet

minnha kif kien ikun mistenni minn persuni li jkunu ghaddew minn trawma ta' tali aggressjoni. Dan il-fatt indubjament ikompli jimmina l-kredibilita` ta' din ix-xhud. Jinghad ukoll li lanqas m'hemm xi provi forensici li jaghtu konfort lill-verzjonijeit moghtija minn din ix-xhud.

**Apprezzament tad-Dritt**

**L-ewwel u t-tieni imputazzlonijiet.**

Illi ghandu jigi notat li l-Ewwel Qorti kienet guridikament skorretta meta sabet lil esponent hati kemm tal-ewwel kif ukoll tat-tieni imputazzjoni. Dan qed jinghad ghaliex wahda mill-akkuzi teskiudi lill-ohra. Dan qed jinghad fis-sens, illi jekk m'hemmx l-element ta' korruzzjoni allura imbaghad jista' jkollok l-attentat imma ma jistax ikollok it-tnejn flimkien.

**It-tmien imputazzjoni - theddid.**

Illi ghal dak li jikkoncerna l-akkuza ta' theddid bi kliem skond l-imputazzjoni numru tmienja jinghad li l-esponent ma setaxjinstab hati ta' din l-imputazzjoni ghaliex ma inghataw l-ebda artikoli.

Illi ghal dak li jikkoncerna l-akkuza ta' **korruzzioni ta' minorenni** jinghad is-segwenti:

Illi fil-kaz partikolari zgur ghandu japplika il-principju ta' *corrupta non corrompitur*. Li ghandu jinghad f'dan is-sens hu li l-pozizzjoni guridika taghna hi li ma jfissirx li ghax persuna ikun gia kellu esperjensi sesswali ma jistax jerga jigi korrot sesswalment. Madanakollu hija nozzjoni zbaljata li wiehed jighd li din id-difiza m'ghadhiex tezisti, kollox jiddependi fuq ic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi ghandu jigi enfasizzat illi wara kollox l-istess esponent kien ghadu minorenni ta' tlettax-il sena u ironikament bi-atti sesswali li saru daqstant seta' jigi korrot hu daqs l-allegati vinmi. Illi del resto mill-assjem tal-provi jirrizulta skjaccatament li il-bniet li huwa kien jiffrekwenta kellhom altroche hazen sesswali, tant li nonostante l-attivita'

sesswali li kienet qeghda tirrikorri kienu jippersistu li jiffrekwentaw il-kumpanija tal-esponent u ohrajn. L-istess xhieda jammettu li kelihom esperjenzi sesswali kemm qabel kif ukoll wara. Zgur li fdan il-kaz partikolari ghandha tigi akkolta din il-linja difensjonali.

**Il-hames imputazzjon- Estrosjoni (inkluz l-element tat-theddid).**

Illi l-Qorti ghandha wkoll tillibera lill-esponent mill-akkuza ta' estorsjoni fit-terminu tal-hames imputazzjoni.

Illi f'dan ir-rigward l-unika prova li hemm kontra l-esponent hi x-xhieda ta' Graziana Gerada nnifisha fejn din tghid li Kevin Chetcuti fost ohrajn kienu jitlobuha flus u jhedduha li jekk ma tatijhomx flus kienu ser jugzawha lil ommha.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghall-artiklu 250 tal-Kodici Kriminali.

Illi minn hawn jirrizulta li element essenzjali rikjest sine qua non sabiex jissussisti dan id-dellitt huwa t-theddid.

Illi pero' mhux kollox jikkostitwixxi it-theddid. L-appellant jissottometti li l-mer fatt (kieku kien il-kaz) li l-esponent kien jghid lix-xhud li ser jugzaha lil ommha zgur mhux sufficjenti biex jikkostitwixxi theddid.

**It-tlieta u tletin imputazzjoni – serq ta' telefon cellulari u flus kontanti.**

Illi l-appellant ma jista` qatt jinstab hati ta' tali akkuza.

Illi l-Qorti waslet biex sabet htija billi strahet biss fuq ix-xhieda ta' Amy Borda u din hija l-unika prova li hemm kontra l-appellant.

Illi pero`, mix-xhieda ta' l-istess hemm dubju min attwalment ha l-flus u l-mobile imsemmija.

Illi fix-xhieda taghha, Amy Borda ssemmi li kienu tlett guvintur, iz-Zazu (l-appellant), Cameron u Silvio, li hadu

dawn l-oggetti, pero` mill-banda l-ohra ma ssemmix min attwalment hadhom. L-appellant jissottometti li huwa difficli hafna, jekk mhux addirittura impossibbli li tlett guvintur imsemmija, fizikament kollha kemm huma, jisirqu z-zewg oggetti msemmija. Lanqas ma ssemmi x-xhud min mit-tlett guvintur kellu l-pussess ta' l-oggetti misruqa meta dawn l-istess oggetti gew rritornati lura lil persuna barranija.

Illi ghalhekk, l-appellant ihoss li din l-akkuza ma gietx ippruvata sufficjentement fil-konfront tieghu u dan ghar-raguni li ghad baqa` element ta' dubju, liema dubju ghndu jmur favur l-akkuzat.

**<u>Piena</u>**

Illi l-piena fic-cirkostanzi kienet wahda eccessiva.

Illi l-Qorti kellha tqis illi meta gew komessi l-allegati reati l-esponent kien ghad kellu biss erbatax-il sena. B'hekk allura l-appellant kien ghadu tifel minghajr is-sagezza li toffri l-hajja u beda jaghmillha ma nies ta' sess oppost li kienu ilkoll ftit jew wisq rafrettarji u immirati li jesperimentaw f'attivita sesswali.

Illi ghalkemm huwa minnu illi din l-attivita` sbruffat lil hinn minn dak li huwa normalment accettabli u lil' hinn mid-dicenza ghandu jirrizulta minn analizi tal-provi illi l-komparenti kollha u mhux l-appellant biss, kienu b'xi mod jew iehor kompartecipi u taw kontribut ghal din l-attivita` illecita.

Illi flimkien mal-eta' il-Qorti kellha tqis ukoll it-trapass taz-zmien.

Illi sa mill-2003 l'hawn ic-cirkostanzi tal-appellant tibdillu konsidervolment tant illi huwa ghandu job fiss u jinsab pjenament integrat fis-socjeta. In fatti ma jirrizultax li wara dawn l-incidenti l-esponent qatt ma kellu skontri ohra mall-ligi u l-fedina penali tieghu hija netta.

Illi huwa palezi li l-piena biex taghmel sens u jkollha effett trid tinghata qrib iz-zmien li fih ikun kommess ir-reat.

Illi ghalhekk l-esponent ihoss illi l-piena inflitta fic-cirkostanzi tenendo kont l-eta tenera tal-esponent meta gew kommessi r-reati, ic-cirkostanzi li fihom twettqu l-istess u t-trapass ta' zmien hija wahda eccessiva u mhux idonea.

Ikkunsidrat.

Permezz tal-verbal tat-23 ta' Jannar 2013, id-difiza talbet referenza kostituzzjonali peress illi fil-fehma taghha gew lezi d-drittijiet fundamentali ta' l-appellanta li jkollha smieh fi zmien xieraq. Ilmentat illi kellha biss 15 –il sena meta giet imressqa l-Qorti u l-kawza damet ghaxar snin sabiex tinqata b'hekk sar dewmien esegerat li ma kienx dovut ghal xi nuqqas taghha izda ghal-mod kif imxiet il-prosekuzzjoni anke bl-ghazla li tressaq hafna mputati f'daqqa bl-eventwali komplikazzjoni tax-xhieda illi kienu tenuti jixdhu diversi drabi fil-konfront ta' xhud jew iehor.

L-Avukat Generali permezz tar-risposta ta' 20 ta' Frar, 2013 argumenta illi din it-talba kienet frivola u vessatorja dana 'l ghaliex ma kienx tort tal-porsekuzzjoni illi l-kawza tawlet bla bzonn izda kien tort tad-difiza illi wara illi ntbaghtu l-artikoli saru hafna differimenti minhabba nuqqas ta' dehera ta' l-imputati jew l-istess legali taghhom.

Ikkunsidrat.

L-ewwel nett il-Qorti jidhrilha illi d-decizjoni tal-prosekuzzjoni illi tressaq l-erbatax -il imputati f'daqqa kienet decizjoni ghaqlija mahsuba sabiex tnaqqas multiplicita tal-kawzi u xhieda illi jixdhu aktar minn darba ghall-istess suggett. Ovvjament dana jinvovli aktar zmien peress illi l-Qorti u l-prosekuzzjoni tkun trid torganizza l-produzzjoni tax-xhieda b'tali mod illi jkunu koperti l-imputati kollha. Terga', kienu l-istess imputati fil-mori ta' din il-kawza illi talbu Social Enquiries Report fil-konfront

taghhom liema rapporti necessarjament jiehdu z-zmien sabiex isiru.

Ikkunsidrat.

Minn ezami akkurat tal-verbali tas-seduti tal-Qorti, jirrizulta illi l-prosekuzzjoni ghalqet  il-kaz taghha b'mod definittiv fit-2 ta' Novembru, 2005 sena biss wara l-appellanti tressqu l-Qorti fit-18 ta' Novembru, 2004.  Fl-istess xahar fid-29 ta' Novembru, 2005 l-Avukat Generali hareg l-artikoli u minn dak il-mument id-difiza hadet sitt snin shah sabiex ghalqet il-kaz taghha bis-Sentenza tinaghta fis-17 ta' Settembru, 2012.  Wara l-hrug ta' l-artikoli fid-29 ta' Novembru, 2005 ghal xi raguni, uhud mill-legali ta' l-imputati u whud mill-imputati infushom bdew jassentu ruhhom mis-seduti bil-konsegwenza illi kellhom isiru ammonti kbar ta' differimenti.  L-ebda wahda minn dawn id-differimenti kienet responsabilta' tal-prosekuzzjoni izda kienet dejjem id-difiza illi damet tkaxkar u t-tawwal dan il-kaz ghal skopijiet taghha.

Veru illi Odette Micallef dejjem deheret il-Qorti u dejjem qaghdet ghall-ordnijiet taghha, pero' peress illi ma kienetx l-unika imputata l-Qorti ma setghetx tiddeciedi l-kaz taghha separatament mill-ohrajn, anke 'l ghaliex il-prosekuzzjoni ma talbitx is-separazzjoni tal-gudizzju. Dana jfisser illi necessarjament l-iter illi kellhu jiehu l-kaz ta' Odett Micallef kien jiddependi mill-iter ta' l-imputati l-ohra.  Zgur illi minn ezami akkurat tal-verbali jirrizulta illi ma kien hemm assolutament l-ebda nuqqas jew dewmien attribwibbli ghal Qorti u jew l-awtoritajiet.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi t-talba ghall-referenza kostituzzjonali kif maghmulha fil-verbal ta' fuq imsemmi tat-23 ta' Jannar, 2013 hija firivola u vessatorja u l-Qorti tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------